Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 278 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Luaie Borg

Illum

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Luaie Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 162388M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn l-20 ta' Frar, 2012 u l-20 ta' Jannar, 2017, fil-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi w gew maghrnula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1) Naqas li jaghti lil Marilyn Chetcuti, is-somma ta' 4,800 euro igifieri 80 euro fix-xahar ghal hames snin, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Gunju, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza,

Semghet lill-partijiet;

Il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ikkundannatu ghal erba' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll ordnat l-hlas ta' €4,800 fi zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Luaie Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

1) Thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn sabiti hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; u

2) In subordine, fl-eventwalita` li l-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tirriformaha f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, u tinfliggi minflok piena aktar idonea u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Illi fil-mori tal-kawza irrizulta illi l-partijiet ittransigew din il-vertenza bl-appellant jintrabat permezz ta' kuntratt pubbliku li jhallas il-manteniment mertu ta' dawn il-proceduri . Ghaldaqstant ghalkemm l-akkuza xortawahda tirrizulta ippruvata u ghalhekk ghandu jkun hemm konferma tal-htija, madanakollu hemm lok ghal temperament fil-piena fid-dawl ta'dawn ic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tghaddi biex tirriforma  s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hwua jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur